Qorti Civili, Prim'Awla
(Sede Kostituzzjonali)

Imhallef Anthony Ellul

Rikors numru:- 494/1994AE

**Joseph Grima fil-kwalita' tieghu ta' Chairman u in rapprezentanza tas-socjeta kummercjali Grima Communications Limited**

**Vs**

**1. Onorevoli Prim Ministru[1], fil-kwalita' tieghu ta' Kap tal-Gvern ta' Malta u bhala responsabbli ghall-azzjonijiet kollha li jigu decizi mill-Onorevoli Ministru tal-Kabinett u segretarji Parlamentari u ufficjali tal-Gvern inkluzi dawk li jaqghu taht il-Ministeru tieghu ghat-trasmissjoni telegrafa minghajr fili u dawk li jirrigwardaw ix-xandir bit-televizjoni fil-gzejjer Maltin**
**2. Awtorita' tax-Xandir[2]**

Permezz ta' rikors prezentat fit-30 ta' Novembru 1994, ir-rikorrenti ppremettew u talbu:-

*1. Illi l-esponenti nomine kien applika fis-7 ta' Ottubru 1993, sabiex jinghata licenzja halli jkun jista' jittrasmetti permezz tat-televizjoni; illi l-applikazzjoni tal-esponenti biex l-Awtorita' tax-Xandir tohroglu licenzja biex ixandar bit-televizjoni saret fiz-zmien u skond il-kundizzjonijiet stipulate mill-Awtorita' f'sejha pubblika nazzjonali li ghamlet l-Awtorita' tax-Xandir ghal dawn l-applikazzjonijiet f'Ottubru 1993; fi Frar 1994, kif ulterjorment ikkonfermat pubblikament b'diversi dikjarazzjonijiet mic-Chairman tal-Awtorita' tax-Xandir, fosthom dik tal-10 ta' Gunju 1994, wara li kien sar stharrig akkurat mill-Awtorita' tax-Xandir, kien gie stabbilit mill-Awtorita' li l-esponenti kellu r-rekwiziti kollha mehtiega biex ikun jista' jinghata licenzja halli jxandar bit-televizjoni;*

*2. Illi qabel ma harget is-sejha ghall-applikazzjonijiet ghal Xandir bit-televizjoni, l-Awtorita' ma assiguratx ruhha, bhal ma kien jaghmel kull organizmu nazzjonali serju, li jkollha l-frekwenzi mehtiega x'talloka lil dawk li, bhall-esponenti, kienu se jirrizultaw kompetenti, bir-rekwiziti kollha li intitolawhom ghal-licenzja, imma wara rrizulta li kellha frekwenza wahda biss utilizzabbli; wara li ftit wara l-hrig ta' sejha ghall-applikazzjonijiet il-Malta*

---

[1] Il-qorti tordna li jithassar l-isem **Dr. Edward Fenech Adami LLD MP** gialadarba m'ghadux jokkupa l-kariga.
[2] Il-qorti tordna li jithassar l-isem Dr Joseph Pirotta gialadarba m'ghadux jokkupa l-kariga ta' Chairman u f'kull kaz ghal finijiet tal-Artikolu 181A tal-Kap. 12 hu bizzejjed li fl-okkju jissemma isem l-Awtorita intimata.

*Labour Party kien beda jxandar abbuzivament fuq kanal 29, minghajr kontroll mill-awtoritajiet kompetenti, b'apparat li sar suggett ghall-proceduri gudizjarji minn naha tal-Pulizija ta' Malta; wara kummenti pubblici mill-Prim Ministru ta' Malta li wrew li l-Gvern tal-gurnata ma kellu l-ebda oggezzjoni li l-Awtorita' tohrog licenzja lill-Malta Labour Part biex ixandat bit-televizjoni; minghajr ma gie bl-ebda mod avvicinat l-esponenti, l-Awtorita' tax-Xandir llegalizzat ix-xandir abbuziv tar-Rainbow Productions Limited billi assenjat lil din il-kumpannija, propjeta' tal-Malta Labour Party, l-unika frekwenza disponibbli jigifieri dik tal-kanal 29 u li, minn dak iz-zmien 'l hawn, b'dannu kontigwu ghall-esponenti, l-Awtorita' baqghet iccahhad lill-esponenti milli jxandar bit-televizjoni;*

*3. Illi l-Awtorita' tax-Xandir m'assiguratx minn qabel ma harget is-sejha ghall-applikazzjonijiet, li kull min ikollu r-rekwiziti kollha, fosthom l-esponenti, jitqieghdu fl-istess keffa ta' kriterji bl-istess possibilita' li jinghataw licenzja bi frekwenza assocjata; li l-Awtorita' tax-Xandir ma stabbilitx kriterji maghrufa u cari ta' kif giet assenjata l-unika frekwenza disponibbli a skapitu ta' ohrajn, fosthom l-esponenti, ugwalment kwalifikati u ugwalment intitolati; l-Awtorita' tax-Xandir, li nofs il-komponenti taghha huma nominati mill-istess Malta Labour Party, propjetarji ta' Rainbow Productions Limited, fl-allokazzjoni tal-licenzja tat-televizjoni lil Rainbow Productions Limited m'agixxietx b'mod kredibbli, li nehha kull dubju li ma sarux preferenzi fl-ghoti tal-frekwenza 29, li minbarra li kkostitwixxa ksur tad-drittijiet u libertajiet fundamentali tal-esponent nomine kkawza l-istess esponent danni konsiderevoli li ghalihom l-esponenti jzomm lill-intimat responsabbli ghall kull buon fini fil-fatt u fid-dritt.*

*Illi ghaldaqstant l-esponenti qieghed jitlob lil dana l-Onorabbli Qorti fil-veste kostituzzjonali taghha sabiex tiddeciedi u tiddikjara li l-assenjazzjoni da parte tal-Awtorita' tal-kanal 29 ghat-trasmissjonijiet permezz tat-televizjoni minn Rainbow Productions Ltd., bil-mod kif inghata mill-Awtorita' tax-Xandir, kisret id-drittijiet fundamentali u l-libertajiet tal-Individwu tal-esponenti bi ksur tal-Kostituzzjoni ta' Malta Kapitlu IV, Artiklu 45, fejn saret diskriminazzjoni bi pregudizzju u kontra l-istess esponenti;*

*Illi dina l-Onorabbli Qorti qed tigi umilment mitluba wkoll li l-ghoti tal-licenzja ghat-trasmissjonijiet permezz tat-televizjoni mill-Awtorita' tax-Xandir lil Rainbow Productions kiser kapitlu 319 tal-Ligijiet ta' Malta u cioe' il-Konvenzjoni Ewropea ghall-Protezzjoni tad-Drittijiet umani u libertajiet funamentali, partikolarment Artiklu 14, tal-Ewwel Skeda skond kif jirrizulta mit-Tieni Artiklu tal-istess Konvenzjoni Ewropea, kapitlu 319 tal-Ligijiet ta' Malta, u dina l-Qorti ghandha tiddeciedi u tiddikjara dan ukoll;*

*Illi fl-ahharnett, dina l-Onorabbli Qorti ghandha taghti l-provvedimenti kollha ulterjuri li jidrilha xierqa li taghti, inkluz rimedji u kumpensazzjoni lill-esponenti fid-dawl tat-talbiet odjerni tieghu;*

L-Awtorita' intimata wiegbet:

*Illi in linea prelimianri in kwantu t-talba tar-rikorrent hija bazata fuq l-Artikolu XIV tal-Kapitolu 319 dina jigi rilevat li ma jistax ikun hemm vjolazzjoni ta' dan l-Artikolu wahdu jekk mhux konness ma' vjolazzjoni ta' xi Artikolu iehor fil-Konvenzjoni Dwar id-Drittijiet Fondamentali tal-Bniedem;*

*Fil-mertu illi l-intimat bl-ebda mod ma cahhad lir-rikorrent minn xi dritt fondamentali jew ddiskrimina kontra tieghu ghal xi raguni ta' Politika jew xort'ohra;*

*L-intimat, Awtorita' tax-Xandir, hija l-awtorita' kompetenti biex tohrog il-licenzji ghax-xandir fosthom xandir bit-televizjoni. Fost id-diversi persuni li japplikaw kien hemm is-socjeta' rikorrenti u kif ukoll fis-socjeta' Rainbow Productions Limited. Meta l-Awtorita' giet mghotija kanali fuq x'hiex jista' jsiru xandirijiet bit-televizjoni hija ghamlet l-indaginijiet taghha biex tara kif kellha tipprotegi biex talloka l-licenzji ghax-xandir bit-televizjoni. L-Awtorita' harget licenzja ghax-xandir Rainbow Productions Limited billi dina s-socjeta' mhux biss kienet l-ewwel socjeta' li ssodisfat ir-rekwiziti kollha ghall-hrug ta' licenzja ghax-xandir bit-televizjoni pero' kienet l-organizzazzjoni li kienet tidher l-izjed kompetenti u idonea taht diversi aspetti biex tinghata licenzja. L-Awtorita' tax-Xandir baqghat ma hargitx licenzja lis-socjeta' rikorrenti billi ma kelliex allokati lilha kanali disponibbili fuq liema dina s-socjeta' setghat ixxandar. Ghalhekk fl-ghoti tal-licenzji ghax-xandir bit-televizjoni l-Awtorita' tax-Xandir imxiet bi kriterji professjonali u bl-ebda mod ma ddiskriminat politikament jew xort'ohra fil-konfront tas-socjeta' rikorrenti;*

*Ghaldaqstant l-esponenti jissottomettu bir-rispett li l-allegazzjonijiet tar-rikorrent huma infondati sew fil-fatt kemm fid-dritt u ghandhom jigu michuda.*

Il-Prim'Ministru wiegeb:-

1. *Illi l-esponent jiċħad kategorikament li huwa b'xi mod iddiskrimina għal kwalunkwe raġuni kontra r-rikorrent nomine.*

2. *Illi l-istess rikorrent nomine naqas milli jindika r-raġuni jew bazi tal-allegata diskriminazzjoni kif jirrikjedi l-artikolu 45 tal-Kostituzzjoni.*

3. *Ili skond l-artikolu 14 tal-Konvenzjoni Ewropea għall-Protezzjoni tad-Drittijiet Umani u Libertajiet Fundamentali, it-tgawdija tad-drittijiet u libertajiet naxxenti mill-istess Konvenzjoni huma garantiti lir-rikorrent nomine, u l-istess rikorrent nomine naqas milli jindika liema minn dawk id-drittijiet u libertajiet qed jiġi allegatament diskriminat fit-tgawdija tiegħu.*

4. *Illi fis-sejha pubblika nazzjonali għall-applikazzjoni in kwistjoni, ma kienx indispensabbli li l-Awtorita` tax-Xandir kellha tassigura ruħha li jkollha l-frekwenzi meħtieġa kollha minn qabel biex tallokahom lil min kienu ser jirrizultaw kompetenti. Għalkemm ir-rikorrent nomine seta`*

*kien elegibbli u ikkwalifika biex jikkompeti fl-għoti ta' liċenza biex ixandar bit-televizjoni, b'daqshekk ma kienx awtomatikament intitolat li jkollu dik il-liċenza bħala dritt, kif anke rifless indirettament fl-artikolu 10(2) tal-imsemmija Konvenzjoni. {Ara għal aktar konsiderazzjonijiet fuq din il-materia, id-deċizjoni tal-Qorti Ewropea fil-każ* ***Groppera Radio and others vs Switzerland*** *tat-28 ta' Marzu, 1990}.*

Il-qorti rat l-atti li jinkludu noti ta' sottomissjonijiet kif ukoll l-atti tal-kawza **Joseph Pirotta vs Joseph Grima et** deciza mill-Qorti tal-Appell fit-30 ta' Novembru 2007.

<u>**Konsiderazzjonijiet**</u>.

1. Il-kawza tittratta dwar l-ewwel licenzja li l-Awtorita tax-Xandir tat ghax-xandir bit-televixin. Il-licenzja nghatat fil-25 ta' Frar 1994 lil Rainbow Productions Limited, kumpannija tal-Partit Laburista, li bdiet tittrasmetti fuq l-istazzjon Super One TV. Dan wara li b'ittra datata 22 ta' Frar 1993 (fol. 533) il-Prim'Ministru kien gharraf lic-Chairman tal-Awtorita li kien qieghed jalloka l-Kanali 21 u 29 fuq il-UHF sabiex taghmel uzu minnhom skond il-Ligi.

2. L-ghoti ta' licenzji ghax-xandir bit-televixin hi r-responsabbilta' tal-Awtorita' tax-Xandir (ara Att dwar ix-Xandir, Kap. 350). L-Artikolu 11 tal-Att XII tal-1991 jsemmi kriterji li kellha tiehu in konsiderazzjoni l-Awtorita' qabel taghti licenzja. Dawn jinkludu:-

   i. potenzjal ekonomiku u viabilita';
   ii. kwalita' ta' programmar skedat, u
   iii. pjanijiet u progetti teknologici u tax-xandir.

3. Ir-rikorrenti tilmenta li fil-process tal-ghoti tal-licenzja l-Awtorita iddiskriminat kontriha bi ksur tal-Artikolu 45 tal-Kostituzzjoni u Artikolu 14 tal-Konvenzjoni Ewropea.

   L-Artikolu 45(2) jipprovdi li hadd m'ghandu jigi trattat b'mod diskriminatorju minn persuna li tagixxi bis-sahha tal-ligi miktuba jew fil-qadi tal-funzjonijiet ta' kariga pubblika jew awtorita pubblika. **'Diskriminatorju'** hi mfissra bhala:

   *"……għoti ta' trattament differenti lil persuni differenti attribwibbli għal kollox jew prinċipalment għad-deskrizzjoni tagħhom rispettiva skont ir-razza, post ta' oriġini, opinjonijiet politiċi, kulur, fidi, sess, orjentazzjoni*

*sesswali jew identità tal-ġeneru li minħabba fihom persuni ta' deskrizzjoni waħda bħal dawn ikunu suġġetti għal inkapaċitajiet jew restrizzjonijiet li persuni ta' deskrizzjoni oħra bħal dawn ma jkunux suġġetti għalihom jew ikunu mogħtija privileġġi jew vantaġġi li ma jkunux mogħtija lil persuni ta' deskrizzjoni oħra bħal dawn"* (Artikolu 45(3) tal-Kostituzzjoni).

L-Artikolu 14 tal-Konvenzjoni jipprovdi:-

*"The enjoyment of the rights and freedoms set forth in this Convention shall be secured without discrimination on any ground such as sex, race, colour, language, religion, political or other opinion, national or social origin, association with a national minority, property, birth or other status"*.

4. Il-qorti hi tal-fehma li l-Prim'Ministru gie mharrek inutilment. L-ilment ta' diskriminazzjoni jista' jkun biss kontra l-Awtorita mwaqqfa b'ligi u li d-dmirijiet taghha jinkludu l-ghoti ta' licenzja ghax-xandir bit-televixin. Skond l-Artikolu 118(8) tal-Kostituzzjoni l-Awtorita':-

*"Fl-ezercizzju tal-kariga taghha skont l-artikolu 119(1) ta' din il-Kostituzzjoni l-Awtorita dwar ix-Xandir ma ghandhiex tkun suggetta ghad-direzzjoni jew kontroll ta' xi persuna jew awtorita ohra"*.

Ghalkemm fl-ittra tat-22 ta' Frar 1993 tal-Prim'Ministru jinghad:-

*"Ghalhekk, **sabiex it-talba tal-Malta Labour Party tkun tista' tkun ikkunsidrata fuq il-merti taghha**, qieghed nassenja lill-Awtorita' ghax-xandir bit-televizjoni il-Kanal 21 u Kanal 29 fuq il-UHF ……."*;

il-licenzja ghax-xandir bit-televixin ma tinghatax mill-Prim'Ministru. L-istess fir-rigward tal-frekwenza li fuqha d-detentur tal-licenzja ghandu jxandar. Skond l-Att dwar ix-Xandir hi l-Awtorita li mal-licenzja trid taghti l-frekwenza (Artikolu 18(3) tal-Kap. 350).

Ghalkemm il-qorti hi tal-fehma li l-messagg li nghata f'dik l-ittra kien li wiehed minn dawn il-kanali jigi allokat lill-Partit Laburista diment li tikkwalifika u sahansitra mill-minuti tal-laqghat tal-Awtorita hu evidenti li hekk inftiehemet, jibqa' 'l fatt li l-licenzja u l-frekwenza inghataw mill-Awtorita'.

5. Fit-tieni lok il-qorti taghmel ukoll riferenza ghall-Artikolu 11(3) tal-Att dwar ix-Xandir li jipprovdi:-

*"(3) Applikant li l-applikazzjoni tieghu tigi rifjutata u li jidhirlu li l-Awtorita' ma aggixxietx skond ir-regoli tal-gustizzja naturali, jew li agixxiet b'manjiera grossolosament irragonevoli jew li iddiskriminat minghajr raguni kontra tieghu, jew li l-applikazzjoni tieghu tkun ilha pendenti ghal mill-inqas erba' xhur, jista' jappella kontra din id-decizjoni jew dewmien lill-Qorti ta' l-Appell skond il-proceduri fis-subartikoli (5), (6), (7), (9) u (10) ta' l-artikolu 16 ta' dan l-Att".*

Ma jirrizultax li r-rikorrenti rrikorriet ghal dan ir-rimedju ghal dak li jirrigwarda d-dewmien tal-applikazzjoni. Fil-fatt m'hemmx prova li l-Awtorita cahdet l-applikazzjoni tar-rikorrenti ghall-licenzja ghal xandir bit-televixin. Anzi f'ittra datata 11 ta' Frar 1994 d-direttur tas-socjeta rikorrenti gie nfurmat mill-Kap Ezekuttiv tal-Awtorita li:- *"a) L-Awtorita' qed tinsisti mal-Gvern biex tinghata aktar frekwenzi u, kif dan isir, ma tanticipax problemi biex il-kumpannija tieghek tigi allokata wahda minnhom"* (fol. 527). Kliem li juri bic-car li l-applikazzjoni tar-rikorrenti thalliet fuq l-ixkaffa.

Irrizulta li fil-bidu ta' Settembru 1993 l-Awtorita kienet harget sejha ghall-applikazzjonijiet ghall-licenzja ghal xandir bit-televixin. Fir-rikors promotur ir-rikorrenti ddikjarat li applikat fis-7 ta' Ottubru 1993. B'kollox dahlu hames applikazzjonijiet, fosthom tar-rikorrenti u ta' Rainbow Productions Ltd. F'Lulju 1993 l-Awtorita kienet hadet il-posizzjoni li minhabba nterferenza qawwija fuq il-kanali 21 u 29 fil-UHF Band ma kinitx ser tohrog licenzji ghax-xandir bit-televixin [3]. Hu evidenti li dik il-posizzjoni nbidlet wara li nhatru l-Professur Joseph Pirotta bhala Chairman u membri godda tal-Awtorita'. Mid-dokumenti ufficjali li gew prezentati ma jirrizultax x'kienet ir-raguni li wasslet lill-Awtorita biex tirrevedi d-decizjoni li kienet ittiehdet, ghalkemm minn artiklu pubblikat fil-gazzetta Kullhadd fit-22 ta' Awissu 1993 jidher li c-Chairman il-gdid kien determinat li ma jkunx hemm iktar dewmien fil-hrug ta' licenzji[4]. Il-qorti fehemet li f'dak iz-zmien il-Partit Laburista kien qieghed jaghmel pressjoni qawwija biex jinghata l-licenzja minghajr iktar dewmien.

---

[3] Ara ittra datata 15 ta' Lulju 1993 mibghuta minn Lawrence Mizzi, Chairman tal-Awtorita, lill-Prim'Ministru (fol. 539).

[4] Ara fol. 335 tal-atti tal-kawza 96/95 fl-ismijiet **Dr Joseph Pirotta vs Joseph Grima proprio et nomine**.

Skond il-Professur Joseph Pirotta kienet inghatat licenzja lil Rainbow Productions Ltd ghaliex kienet issodisfat il-kriterji kollha u kienet ukoll iddikjarat li kienet disposta li taccetta Channel 29 minkejja li l-frekwenza kienet difettuza. Il-qorti zgur li m'ghandhiex il-mezzi biex a bazi tal-provi li tressqu u meqjus li l-kriterji huma ta' natura teknika, taghmel xi konkluzjoni dwar jekk Rainbow Productions Ltd kinitx verament issodisfat il-kriterji. Dan apparti li dan m'huwiex il-meritu tal-kawza. Madankollu tinnota biss li m'hemmx prova li sar xi *evaluation report* bil-miktub fir-rigward ta' kull applikant.

Mill-provi hu evidenti li Rainbow Productions Ltd kellha apparat biex ixxandar. Madankollu Joseph Grima ddeskrivieh bhala taghmir *'domestiku'*[5] u *'dilettantesk'*[6], li bih kienet qeghda tittrasmetti bi prova bla permess tant li jidher li ttiehdu proceduri kriminali kontra xi ufficjali tal-kumpannija. Il-Kap Ezekuttiv tal-Awtorita' ikkonferma li din il-kumpannija kienet qeghda xxandar bla permess (fol. 84). Bir-ragun ir-rikorrenti tilmenta li dan 'il fatt pogga lil Rainbow Productions Limited f'vantagg fil-konfront tal-kumpanniji l-ohra, ghalkemm ma jirrizultax li kienet qeghda xxandar fuq wiehed miz-zewg channels li kienu gew assenjati lill-Awtorita tax-Xandir. Jidher ukoll li fiz-zmien li nharget il-licenzja r-rikorrenti kienet ghadha ma akkwistatx l-*equipment* li kellha bzonn sabiex topera stazzjon tat-televizjoni (ara minuti tal-laqgha tal-11 ta' Frar 1994 numru 6/94, fol. 743-752), ghalkemm wiehed jifhem li difficli ssib kumpannija b'interessi privati li ser tidhol ghal dak it-tip ta' investiment minghajr ma taf hijiex ser tinghata l-licenzja. Il-qorti ma fehmitx kif ir-rikorrenti setghet tittrasmetti bi prova jekk l-apparat kien ghadu ma nxtarax. Min-naha l-ohra jidher li Rainbow Productions Ltd kienet f'posizzjoni li tkompli bix-xandir.

Jidher li sa ftit granet qabel inghatat il-licenzja lil Rainbow Productions Ltd, ir-rikorrenti kienet ghadha ma ssodisfatx il-kriterji kollha. F'dan ir-rigward il-qorti tinnota li l-kriterji li jissemmew fl-Artikolu 11(2)(a) tal-Att dwar ix-Xandir m'humiex komprensivi. Tant hu hekk li fil-ligi jinghad li l-kriterji ghall-ezami ta' applikazzjoni ***"jinkludu"***. Joseph Grima xehed: *"….. ahna ordnajna taghmir li kien ghadu jrid johrog fis-suq, kollu state of the art, u li ma tista tqabblu bl-ebda mod ma' dak li kellhom l-MLP. Xtrajna mill-BBC TV, OB Unit modernissimu biex bih nkunu nistghu naghmlu xandiriet diretti min barra l-istudio"* (fol. 278). M'hemmx provi li jikkoraboraw dak li qal ix-xhud. Pero' mill-minuti tal-

[5] Fol. 278.
[6] Fol. 288.

laqgha tal-Awtorita li saret fil-11 ta' Frar 1994 hu evidenti li l-makkinarju kien ghadu ma nxtarax[7]. Inoltre, fil-minuti tal-laqgha tat-22 ta' Frar 1994 tal-Bord tal-Awtorita tax-Xandir jinghad:-

*"Dwar Grima Communications, ic-Chief Executive qal li l-Wireless Telegraphy kitbu lura lill-Awtorita' fl-14 ta' Frar u filwaqt li qalu li l-propost 1KW television transmitter jaqbel mal-istandards applikabbli, qabel ma jsiru test transmissions biex jigi stabbilit il-livell ta' R.F. Power u t-tip ta' antenna li ghandha tintuza ghal reception sodisfacenti minghajr ma tikkaguna nterferenza fuq kanali ohra, il-proposta ta' 1K @ R.F. output 4 x 4 panel antenna ma tistax tigi kkonfermata bhala accettabbli"*[8] (fol. 760)[9].

Ir-rikorrenti lmentat li t-teknici tal-Wireless Telegraphy hadmu biss fuq l-applikazzjoni tal-MLP. Pero' f'dawn il-proceduri m'huwiex jigi mistharreg l-agir taghha, ghalkemm jidher li sabiex jinghata l-parir tekniku lill-Awtorita, min-naha tal-Wireless Telegraphy riedu li jsiru trasmissjonijiet bi prova. Trasmissjonijiet li fil-kaz tar-rikorrenti ma sarux.

6. Irrispettivament jekk f'dak iz-zmien ir-rikorrenti ssodisfatx jew le l-kriterji kollha biex tinghata licenzja ghax-xandir bit-televixin, mill-minuti tal-laqgha tal-Awtorita tas-26 ta' Ottubru 1993 jirrizulta li Rainbow Productions Ltd kien fadlilha *".... l-approvazzjoni ta' l-Awtorita' tal-iskeda ta' programmar, kif ukoll il kwistjoni ta' frekwenza u s-site fil-Gharghur"*[10]. F'dawn il-minuti jinghad:-

*"1.2 Ic-Chairman fakkar li fi Frar tal-1993, l-Awtorita' giet assenjata zewg kanali, UHF 21 u 29* ***espressament bl-intenzjoni biex tikkonsidra fuq il-merti taghha t-talba tal-MLP ghal stazzjon televiziv****"* (enfazi tal-qorti).

Jinghad ukoll:-

*"5.26 Prof. Friggieri kien tal-fehma li l-MLP ma jithalliex jistenna sakemm jigu pprocesati l-applikazzjonijiet l-ohra, u li l-Awtorita' ghandha talloka frekwenza lill-MLP minghajr dewmien.*

---

[7] Ara punt 2.14 (fol. 628).
[8] Ara wkoll x'qal il-Professur Pirotta fil-25 ta' Marzu 1996 (fol. 10).
[9] Ara wkoll dak li xehed il-Professur Pirotta fis-seduta tal-25 ta' Marzu 1996 (fol. 10).
[10] Ara punt 5.22 (fol. 740).

*5.27 Ic-Chief Executive qal li meta l-Prim'Ministru jassenja l-frekwenzi lill-Awtorita', dan ikun akkumpanjat minn indikazzjoni dwar kif ghandha tintuza l-frekwenza. Fil-kaz tal-kanali 21 u 29, il-Prim'Ministru kien ghada dawn lill-Awtorita' fi Frar 1993 bl-iskop li l-Awtorita' titratta t-talba tal-MLP ghal-licenzja fuq il-merti taghha[11].*

*5.28 Dr Fenech qal li jekk il-kanali 21 u 29 kienu gew mghoddija lill-Awtorita' ghall-iskop specifiku li tigi kkunsidrata l-applikazzjoni tal-MLP, dan kien ifisser li wiehed minn dawn il-kanali kellu awtomatikament jigi assenjat lill-MLP.*

*5.29 Dr Fenech qal li ghalkemm il-frekwenzi l-ohra setghu jkunu ahjar, l-MLP kellu jinghata l-kanal 29 ghaliex it-talba tal-MLP minn dejjem kienet specifikament ghall-kanal 29.*

*5.30 Wara aktar diskussjoni, l-Awtorita' ddecidiet li ghandha taghmel talba lill-Gvern ghal hames frekwenzi. Il-kanal 29 ghandu jigi assenjat lill-MLP, kemm-il darba jigu ffinalizzati l-affarijiet l-ohra konnessi mal-kiri ta' l-art u l-approvazzjoni ta' l-iskeda ta' programmar"* (fol. 741).

Il-qorti ma taqbel xejn mal-posizzjoni li hadet l-Awtorita'. Sahansitra fil-minuti tal-laqgha tal-11 ta' Frar 1994 jinghad:-

*"1.11 ……Huwa qal[12] li l-applikanti kollha ghandhom jigu trattati bl-istess mod. Dr Fenech irrefera ghal dak li qal ic-Chairman fir-rigward ta' dak li sar fi Frar 1993 meta l-Awtorita giet assenjata zewg kanali mill-Prim Ministru specifikament biex tikkunsidra t-talba tal-MLP. Huwa qal li dan jiggustifika dak li ghamlet l-Awtorita' meta ddecidiet li tohrog licenzja lil Rainbow Productions."* (fol. 674).

Kummenti li jirriflettu posizzjoni li tmur **ghal kollox** kontra dak li tipprovdi l-ligi. Fl-ghoti tal-licenzji u frekwenzi l-Prim'Ministru m'ghandux poteri. Il-Prim'Ministru, li dak iz-zmien kien responsabbli minn dan is-settur, kien bil-ligi jaghti l-frekwenzi lill-Awtorita (Artikolu 18(1) tal-Att dwar ix-Xandir). Flimkien mal-licenzja [13] l-Awtorita' ghandha taghti l-frekwenza li fuqha ser ixandar id-detentur tal-licenzja (Artikolu 18(3) tal-Att dwar ix-Xandir, Kap. 350). Pero' fil-ligi mkien ma

[11] Il-qorti fehemet li l-Kap Ezekuttiv kien qieghed jirreferi ghall-ittra tal-Prim'Ministru tat-22 ta' Frar 1993 (fol. 533).
[12] Qieghed jigi rapportat x'qal Dr Fenech.
[13] Wiehed mid-dmirijiet tal-Awtorita hu l-hrug ta' licenzja ghax-xandir bit-televixin (Artikolu 3(1) tal-Kap. 350).

jinghad li l-Awtorita trid tiehu direzzjoni jew tikkonsulta ma' xi hadd qabel taghti licenjza ghax-xandir. Fil-fehma tal-qorti dak li jispikka mill-minuti tal-laqghat hu nuqqas ta' direzzjoni minn persuna legali. Hu evidenti li l-Awtorita' poggiet fil-gemb dak li tipprovdi l-Kostituzzjoni.

Il-qorti tasal biex tghid li l-posizzjoni li hadet l-Awtorita waqt il-laqgha tal-11 ta' Frar 1994 tikkontradici s-sejha miftuha li ghamlet l-Awtorita' ghall-applikazzjonjiet ghall-ghoti ta' licenzja ghax-xandir, meta tqies li kellha biss zewg kanali, li wiehed minnhom[14] ma setax jintuza ghaliex kien qieghed jintuza mill-istazzjon Taljan Canale 5 u l-iehor kellu wkoll interferenzi minn stazzoniijet Taljani. Mill-imsemmija estratti tal-minuti hu evidenti li wkoll kieku r-rikorrenti ssodisfat il-kriterji kollha fl-istadju li gie deciz li tinghata licenzja lil Rainbow Productions Ltd, il-licenzja xorta kienet ser tinghata lill-kumpannija tal-Partit Laburista. Fil-fehma tal-qorti dan hu ghal kollox zbaljat. Madankollu dan ma jidhirx li jista' jimpingi fuq l-ezitu tal-kawza gialadarba l-qorti trid tiddeciedi dwar l-ilment tar-rikorrenti kif gie spjegat fir-rikors promotur.

Il-qorti tirreferi wkoll ghal dak li ddikjara l-membru Dr Dominic Fenech fil-laqgha tal-11 ta' Frar 1994 li: ***"... din tal-licenzji mhix xi ezercizzju kompetittiv. Kull ma jinhtieg hu li applikant jikkwalifika"*** (fol. 674). Dikjarazzjoni li tkompli tikkonferma li l-hsieb kien li l-licenzja kellha tinghata lill-kumpannija tal-Partit Laburista jekk tissodisfa l-kriterji stabbiliti mil-ligi u dan irrispettivament mill-applikazzjonijiet l-ohra. Fil-fehma tal-qorti l-ezercizzju kellu verament ikun wiehed kompetittiv gialadarba l-Awtorita' qalet li kellha frekwenza wahda biss x'taghti u kienet hi li harget sejha ghall-applikazzjonijiet. Skond l-Artikolu 18(3) mal-hrug tal-licenzja l-Awtorita ghandha tindika l-frekwenza li ghandha tintuza mid-dententur tal-licenzja. Ghalhekk il-ligi m'hijiex tikkontempla sitwazzjoni ta' hrug ta' licenzja minghajr frekwenza. Billi dak iz-zmien l-Awtorita kellha biss frekwenza wahda li setghet tigi assenjata u applikaw hamsa biex jinghataw licenzja, il-logika ukoll tghidlek li l-ezercizzju kellu jkun wiehed kompetittiv. Il-qorti taqbel ma' dak li qal Joseph Grima li: *"Jekk kien hemm frekwenza wahda biss x'tinghata,* ***allura kellna nghidu minn dawn kollha li huma idoneji, min hu issa l-aktar idoneju ?*** *Dan ma ntqalx. Dan ma ntqalx"* (fol. 287).

Aspett iehor li jaghti lok ghall-iktar suspetti hu kif l-Awtorita harget licenzja ghax-xandir bit-televixin lill-partit politiku meta d-dmirijiet

[14] Kanal 21.

taghha jinkludu li tizgura:- *"..... imparzjalita xierqa dwar hwejjeg ta' kontroversja politika jew industrijali jew li jirriferixxu ghal policy pubblika korrenti u illi l-facilitajiet u l-hin ta' xandir huma mqassma b'mod xieraq bejn persuni li jkunu ta' partiti politici differenti"* (Artikolu 118 tal-Kostituzzjoni). L-Awtorita' qatt ma setghet twettaq dan id-dmir meta tat licenzja ghax-xandir bit-televixin lill-kumpannija li kienet proprjeta ta' partit politiku filwaqt li l-Partit Nazzjonalista m'applikax. Hu ovvju li ma setatx[15], ghalkemm jidher li ghall-Awtorita' dan l-aspett ma kellux bzonn li jigi kkunsidrat. Fil-fatt ma gewx prezentati minuti ta' laqghat tal-Awtorita li saru fi zmien meta kien Chairman il-Professur Joseph Pirotta[16] li fihom gie diskuss dan l-aspett qabel inghatat il-licenzja lill-Partit Laburista. Hu altru milli evidenti li l-Gvern tal-gurnata[17] ma kellux problema mad-decizjoni tal-Awtorita li taghti licenzja lill-Parti Laburista[18]. Il-qorti tikkonkludi li anzi kien favur li tinghata licenzja lill-Partit Laburista. Pero' jibqa' 'l fatt li bil-ligi l-Awtorita hi ndipendenti mill-ezekuttiv u qatt ma kellha taghti piz ghal dak li qal il-Prim'Ministru fl-ittra tat-22 ta' Frar 1993. Ghal din il-qorti hu evidenti li t-*thrust* kienet li l-partiti politici jinghataw, meta japplikaw, licenzja ghax-xandir bit-televixin qabel haddiehor. Tant hu hekk li l-Awtorita' tax-Xandir spiccat taghti licenzja lill-partit politiku li kien qieghed ixandar **bla licenzja**[19], u ghalhekk bi ksur tal-ligi. Dan kien kaz li min kiser il-ligi gie ppremjat. Dan apparti li meta nghatat il-licenzja kien ghad hemm problemi ta' interferenza fuq il-kanal 29. Tant hu hekk li permezz ta' ittra datata 20 ta' April 1994, il-Partit Laburista lmenta mal-Awtorita tax-Xandir ghal fatt li fuq il-frekwenza UHF 29 kien ghad hemm interferenza minn stazzjonijiet tat-televixin Taljani u talbu rimedju (Dok. AX15, fol. 541). Problemi li kienu jezistu sa minn qabel inghatat il-licenzja lill-Partit Laburista[20] u liema cirkostanzi jindikaw kemm l-affarijiet saru bl-ghaggla.

[15] Kull min ghex Malta kemm ilhom ixandru l-istazzjonijiet tar-radju u televixin jaf x'qeghda tghid il-qorti.
[16] Fiz-zmien qabel l-Awtorita' harget l-ewwel licenzja.
[17] Immexxi minn Prim'Ministru u Ministri mill-kamp politiku oppost.
[18] Ara l-ittra tal-Prim'Ministru tat-22 ta' Frar 1993 (fol. 533). Sahansitra Dr Edward Fenech Adami, li kien Prim'Ministru fiz-zmien in kwistjoni, xehed: *"Il-posizzjoni tieghi, li jiena wkoll kap ta' Partit hija li l-obbligu kostituzzjonali ta' l-Awtorita' huwa iva,* ***li taghti preferenza lill-partiti politici kif nafuhom hawn Malta****"* (seduta tad-29 ta' Lulju 1997, fol. 47).
[19] Artikolu 10(1) tal-Att dwar ix-Xandir jipprovdi: *"Hadd ma jista' jipprovdi servizzi ta' xandir ta' smigh u ta' televizjoni f'Malta ghal Malta jew kull parti minnha minghajr ma jkollu licenzja bil-miktub mill-Awtorita, hawnhekk izjed 'il quddiem imsejjha licenzja tax-xandir".*
[20] Fil-fatt f'ittra tal-20 ta' April 1994 li l-Kap Ezekuttiv tal-Awtorita baghat lis-Segretarju Generali tal-Partit Laburista, qal *"..... ta' min ifakkar li qabel ma harget il-licenzja lil Super One Television, l-Awtorita' kienet ghamlitha cara li l-kanal UHF 29 kien diga' soggett ghall-interferenza. Ta' min ighid ukoll li d-dirigenti ta' l-istazzjon Super One Television kienu jafu*

7. Il-qorti tosserva li fir-rigward tal-ilment tar-rikorrenti li sehhet diskriminazzjoni bi ksur:-

   i. **tal-Artikolu 45 tal-Kostituzzjoni**, il-kaz in ezami hu dwar allegat preferenza li nghatat kumpannija ta' partit politiku minn kumpannija privata li ma kellha l-ebda konnessjoni mal-politika. Fil-fehma tal-qorti l-Artikolu 45 m'huwiex jikkontempla dan it-tip ta' xenarju. L-Artikolu 45 jitratta kazijiet specifici ta' diskriminazzjoni. It-trattament differenti jrid jinghata lill-persuna minhabba *"..... ir-razza, post ta' origini,* ***opinjonijiet politici****, kulur, fidi, sess orjentazzjoni sesswali jew identita tal-generu"*. Il-kaz m'ghandu x'jaqsam xejn mal-opinjoni politika ta' Joseph Grima, direttur tar-rikorrenti. Dan m'huwiex kaz fejn persuna ta' fehma politika nghatat licenzja filwaqt li persuna ta' fehma politika differenti ma nghatatx licenzja.

   ii. **tal-Artikolu 14 tal-Konvenzjoni Ewropea**, ir-rikorrenti naqset milli ssemmi liema provvediment tal-Konvenzjoni iehor gie lez meta l-licenzja nghatat lil Rainbow Productions Ltd. M'huwiex bizzejjed li r-rikorrent jinvoka l-Artikolu 14 wahdu; *"The 'reach' of Article 14 is* ***restricted to discrimination only with respect to the rights and freedoms set out elsewhere in the Convention****. So, as a 'parasitic' provision Article 14 is not a general proscription against every kind of discrimination"*[21] . F'kull kaz: *"The Court has reiterated that Article 14 'is not concerned with all differences of treatment but only with differences having as their basis or reason a personal characteristic by which persons or group of persons are distinguishable from each other'. So it may be argued that the term 'other status' should restrict the application of Article 14* ***as the specific grounds listed all relate to*** *some sort of personal characteristic of a* ***<u>potential victim</u>****"*[22]. L-Artikolu 14 tal-Konvenzjoni hu iktar wiesgha mill-Artikolu 45 tal-Kostituzzjoni, in kwantu l-kazijiet li jissemmew fejn tista' ssehh diskriminazzjoni m'hijiex komprensiva. Tant hu hekk li l-Artikolu 14 jipprovdi li diskriminazzjoni bazata fuq ***'other status'***, hu

*b'din il-qaghda w ghalhekk sar il-ftehim li jkunu identifikati kanali ohra ta' trasmissjoni"* (Dok. AX16, fol. 542).

[21] Harris, O'Boyle & Warbrick, *Law of the European Convention on Human Rights* (Oxford University Press, 2009) pagna 580.

[22] Ara Harris, O'Boyle & Warbrick, pagna 585.

projbit. F'dan il-kaz m'hemm l-ebda prova li d-decizjoni li hadet l-Awtorita kienet bazata fuq *status* li kellha r-rikorrenti. Meta xehed fis-seduta tal-24 ta' Frar 1995, Joseph Grima nsista li kien hemm diskriminazzjoni politika fid-decizjoni li l-licenzja tinghata lill-kumpannija tal-Partit Laburista (fol. 324). Ovvjament kien qieghed jalludi ghal fatt li kien qieghed jigri tellieqa ma' partit politiku li skond hu nghata trattament preferenzjali. Madankollu hi x'inhi l-verita, mill-provi ma rrizultax li d-decizjoni ttiehdet minhabba karatteristika personali tar-rikorrenti, li hi essenzjali sabiex tinghata ragun dwar ilment bazat fuq l-Artikolu 14 tal-Konvenzjoni. Ghallinqas dan ma rrizultax mill-provi. Il-principji kontra d-diskriminazzjoni kif riprodotti fil-Kostituzzjoni u Konvenzjoni Ewropea jirreferu ghac-cahda ta' opportunitajiet minhabba ghazliet personali li taghmel il-vittma, ghazliet li ghandhom jigu rispettati bhala elementi essenzjali tal-personalita ta' persuna, bhal ma huma l-orjentazzjoni sesswali, opinjoni politika u r-religon. Fil-kaz tar-rikorrenti m'hemm xejn minn dan.

Il-qorti tasal biex tghid ukoll li r-rikorrenti lanqas ma tista' tipparaguna lilha nnifisha mal-kumpannija Rainbow Productions Ltd. F'decizjoni li titratta l-Artikolu 14 tal-Konvenzjoni jrid jigi determinat jekk *"... the applicants can properly compare themselves with a class of person who are treated more favourably.... The purpose of this test is to enable the Court to determine whether the less favourable treatment is attributable to one of the Article 14 prohibited grounds of discrimination, and not to other factors.* ***For the test to function, the situation of the applicant and the comparator must be analogous in all material respects*** *so that it can be properly be concluded that the difference between them arisese from an Article 14 ground"* [23] . Is-sitwazzjoni tar-rikorrenti m'hijiex komparabbli ma' dik ta' Rainbow Productions Limited li hi tal-Partit Laburista u fir-realta' ried iwaqqaf stazzjon tat-televixin politiku sabiex ikollu mezz iehor kif iwassal il-messagg. L-interessi ta' partit politiku huma differenti minn dawk ta' azjenda kummercjali bhar-rikorrenti.

[23] Robin CA White u Clare Ovey, *The European Convention on Human Rights* (Oxford University Press, 2010) pagna 558.

Ghaldaqstant, l-ilment tar-rikorrenti kif propost fir-rikors promotur ma jistax jirnexxi.

8. Ir-rikorrenti semmiet ukoll li d-decizjoni li tinghata licenzja lil Rainbow Productions Ltd ttiehdet minn Bord kompost minn membri li jissampitizzaw mal-Parti Nazzjonalista u l-Partit Laburista. Fl-affidavit Joseph Grima qal: *"Ahna qed nitolbu wkoll lil din l-Onorabbli Qorti biex tikkunsidra jekk, meta l-Awtorita kienet qed tqis l-applikazzjonijiet, li minnhom il-Bord kien jaf li seta jissodisfa wahda biss, dan il-Bord kienx indipendenti u mparzjali kif titlob il-ligi biex inkunu assigurati [li] maghna mexa b'ekwita"* (fol. 278). Skond l-Artikolu 118 tal-Kostituzzjoni, il-membri jinhatru mill-President wara li jiehu l-parir tal-Prim'Ministru u jikkonsulta mal-Kap tal-Opposizzjoni. Provvediment li sar meta kien jezisti biss is-servizz pubbliku ta' xandir. Dr Edward Fenech Adami xehed:-

   *"Fl-ahhar nomina li ghamilt li saret fi zmieni ma kinitx ta' tnejn u tnejn, imma kienet li* ***jiena ltqajt mal-Kap tal-Opposizzjoni u ftehemna fuq l-ismijiet li gew sottomessi miz-zewg nahat. Jigifieri l-membri li huma attwalment fuq l-Awtorita tax-Xandir saru b'mod illi kien hemm qbil fuq in-nomina taghhom. Jiena tlabtu ismijiet, jiena ssuggerejt ismijiet u effettivament kien hemm qbil u jekk mhux sejjer zball saret ukoll press release f'dan is-sens"*** (fol. 49).

   F'pajjiz demokratiku din is-sistema mhi xejn felici. F'dan ir-rigward il-qorti tirreferi ghall-opinjoni tal-Professur Kevin Aquilina fl-artiklu *Updating Maltese Broadcasting Law to Present Day Realities in the Light of the Doctrines of the Rule of Lawn and of the Separation of Powers*:-

   *"The current method of appointment of members of the Authority is not made in the public interest but in the interest of the two political parties in Government. This is totally wrong in a democratic society based on the rule of law which respects the doctrine of the separation of powers.* ***The Broadcasting Authority is not a political partisan institution: it is a Constitutional organ of the State****. Like the Public Service Commission, the Electoral Commission, the Employment Commission, the Commission for the Administration of Justice, the Ombudsman and the Auditor General, it is totally independent from the Legislature and the Executive.* ***However, the method of appointment of its members has reduced, not to say nullified,***

***the public interest function of the Authority**. To solve this problem is quite obvious. **The Prime Minister and the Leader of the Opposition should have a limited not final say in the appointment procedure. <u>This is because they have a conflict of interest</u>**: the respective political parties they head both own broadcasting stations (one radio and one television each). So once they have a conflict of interest, they ought to declare it and move away from the current appointment process. But this is not what happens both as a matter of law and as a matter of practice*"[24].

Kienet din l-istess Awtorita' li ddecidiet li l-ewwel licenzja ghax-xandir bit-televixin tinghata lill-partit politiku. Awtorita komposta minn membri *hand picked* mill-Prim'Ministru u l-Kap tal-Opposizzjoni. Irrespettivament mill-agir personali ta' kull membru tal-Awtorita, jibqa' 'l fatt li oggettivament jistona kif din l-istess Awtorita ddecidiet lil min tinghata l-ewwel licenzja meta l-membri taghha kienu nhatru bi qbil bejn il-Prim'Ministru u l-Kap tal-Opposizzjoni, li huma membri taz-zewg l-ikbar partiti politici f'Malta. Membri li ddecidew li l-Partit Laburista jinghata l-ewwel licenzja ghax-xandir. Il-qorti ma tistax tlum lil Joseph Grima li f'dan ix-xenarju jilmenta li ma kienx hemm garanzija ta' mparzjalita.

Madankollu l-qorti trid tiddeciedi dwar l-ilment li sar fir-rikors promotur. Ghal finijiet ta' dawn il-proceduri il-komposizzjoni tal-Awtorita hu rilevanti **biss** ghal finijiet tal-ilment dwar diskriminazzjoni, stante li fir-rikors promotur ir-rikorrenti nvokat biss l-Artikolu 45 tal-Kostituzzjoni u l-Artikolu 14 tal-Konvenzjoni Ewropea. Il-membri inhatru skond il-Kostituzzjoni. M'hemmx dubju li mill-provi li nstemghu rrizulta li z-zewg partiti politici qablu dwar in-nies li kellhom jinhatru. Pero' b'daqshekk il-qorti ma tistax tikkonkludi li fid-decizjoni li l-licenzja tinghata lil Rainbow Production Ltd l-Awtorita ddiskriminat bejn kumpannija proprjeta ta' partit politiku u kumpannija privata li ma kellha l-ebda konnessjoni mal-politika.

9. Ghal dak li jirrigwarda l-licenzja li nghatat lill-Partit Nazzjonalista, dan m'huwiex il-meritu tal-kawza u qatt ma seta jkun ghaliex ir-rikors promotur kien prezentat fit-30 ta' Novembru 1994 u l-applikazzjoni saret fl-1997. F'kull kaz hu fatt li wara li nghatat licenzja lil Rainbow Productions Ltd l-Awtorita' kellha bilfors taghti preferenza lill-applikazzjoni tal-Partit Nazzjonalista diment li ssodisfa l-kriterji ghall-

[24] Jannar 2010. Ara website **www.statecareandmore.eu**.

hrug ta' licenzja. Dan peress li skond l-Artikolu 119(3) tal-Kostituzzjoni l-Awtorita' ghandha d-dmir li tizgura li *"….l-facilitajiet u l-hin ta' xandir huma mqassma b'mod xieraq bejn persuni li jkunu ta' partiti politici differenti"*. Hu evidenti li dak li l-Awtorita' apertament naqset li taghmel meta fl-1994 tat l-ewwel licenzja lil Rainbow Productions Ltd, imbaghad ghamlitu meta l-Partit Nazzjonalista applika ghal-licenzja.

**Ghal dawn il-motivi tiddeciedi billi tichad it-talbiet tar-rikorrenti bl-ispejjez kontra taghha**.

Anthony Ellul.